

## Dispożittiv

- (1) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 179, u l-Artikoli 180 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġi interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux l-eżiżienza ta' terminu perendorju, li jirregola l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis, bħal ma huwa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dan ma jaġħimlx eċċessivament diffiċċi jew prattikament impossibbli l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Evalwazzjoni bħal din għandha titwettaq mill-qorti nazzjonali, li tista', b'mod partikolari, tikkunsidra l-intervent ulterjuri ta' proroga konsegwenti tat-terminu perendorju kif ukoll tat-terminu ta' proċedura ta' rēgistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud qabel ma titwettaq f'dan l-istess terminu sabiex tkun tista' teżerċita l-imsemmi dritt għal tnaqqis.
- (2) Il-prinċipju tan-newtralitā fiskali jipprekludi sanzjoni li tikkonsisti fli jiġi rijsfut id-dritt għal tnaqqis f'każ ta' ħlas tard tat-taxxa fuq il-valur miżjud, iżda ma jipprekludix il-ħlas ta' interassi matorji, suġġett li din is-sanzjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proportionalità, ħaġa li l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika.

<sup>(1)</sup> ĠU C 238, 13.08.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs TNT Freight Management (Amsterdam) BV**

(Kawża C-291/11) <sup>(1)</sup>

**(Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura magħquda — Intestaturi tariffarji 3002 u 3502 — Albumina tad-demm ippreparata għal użi terapewtiċi jew profilattiċi — Ipproċessar tal-prodott)**

(2012/C 287/25)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

## Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: TNT Freight Management (Amsterdam) BV

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Nomenklatura magħquda — Intestaturi tariffarji — Interpretazzjoni — Albumina tad-demm ippreparata għal użi terapewtiċi jew profilattiċi — Kunċett — Albumina tad-demm li ma għandha l-ebda effett terapewtiku iżda li hija indispensabbi u użata eskużiżvament għall-preparazzjoni ta' prodotti li huma stess għandhom effetti terapewtiċi jew profilattiċi

## Dispożittiv

In-nota 1(g) tal-Kapitolu 30 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003, tal-11 ta' Settembru 2003, moqrja flimkien man-nota 1(b) tal-Kapitolu 35 ta' din in-nomenklatura, għandha tiġi interpretata fis-sens li albumina tad-demm li siha nnifisha ma għandha l-ebda effett terapewtiku jew profilattiku, iżda li għejt prodotta għall-preparazzjoni tal-prodotti li għandhom effett profilattiku jew terapewtiku u hija indispensabbi għal din il-preparazzjoni, u li, min-natura tagħha stess, tista' tintużza biss għal dan il-ġhan, għejt ippreparata għal użu terapewtiku jew profilattiku, fis-sens ta' din in-nota.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 27.08.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Lulju 2012 — Smart Technologies ULC vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-311/11 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(1)(b) — Trade mark verbali WIR MACHEN DAS BESONDERE EINFACH — Trade mark li tikkonsisti fi slogan ta' reklamar — Karattru distintiv — Rifjut ta' rēgistrazzjoni)**

(2012/C 287/26)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

## Partijiet

Appellanti: Smart Technologies ULC (rappreżentanti: M. Edenborough QC, T. Elias, barrister)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Bord tal-Appell) tat-13 ta' April 2011 Smart Technologies vs UASI (T-523/09) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors li jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni R 554/2009-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tad-29 ta' Settembru 2009, li tieħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrispetta r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali "WIR MACHEN DAS BESONDERE EINFACH", għal prodotti fil-klassi 9

## Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Smart Technologies ULC hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 269, 10.9.2011